Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9036/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0153 (COD)

JAI 434
MIGR 66
FRONT 140
RELEX 424
COMIX 262
CODEC 789

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' Mejju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 303 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-ħolqien ta' netwerk Ewropew bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 303 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 303 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.5.2018
COM(2018) 303 final

2018/0153 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ħolqien ta' netwerk Ewropew bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni (riformulazzjoni)**

{SWD(2018) 197 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fir-rispons rapidu u determinat tagħha għall-kriżi migratorja esperjenzata f'dawn l-aħħar snin, għall-pressjonijiet li kien hemm fuq il-fruntiera esterna komuni u għat-traġedja umana fil-Mediterran, l-UE ressqet strateġija komprensiva maħsuba biex jiġu ġestiti l-isfidi ta' migrazzjoni simili fil-futur. Fl-2016, ġie adottat Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi prijoritarji[1] bil-għan li jmur lil hinn milli jindirizza l-bżonnijiet immedjati u biex jistabbilixxi l-fundamenti ta' kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni permezz ta' politika tal-migrazzjoni u tal-mobilità ġestiti tajjeb fil-qalba tiegħu. L-atturi kollha, inklużi l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, ġew imsejħa biex jaġixxu b'mod koordinat u jiġbru flimkien l-istrumenti, l-għodod u l-inċentivi biex jissodisfaw il-prijoritajiet ċari stabbiliti ma' pajjiżi terzi għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni b'rispett sħiħ tal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem u umanitarji.

Bi kważi 500 uffiċjal għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni (magħrufa bħala ILOs) li bħalissa qed jintbagħtu mill-Istati Membri lejn pajjiżi terzi, u fid-dawl tal-importanza li tagħti l-UE lill-bżonn urġenti li titjieb is-sħubija ma' pajjiżi terzi, huwa imperattiv li dawn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni jintużaw biex jiżguraw sinerġiji bejn l-istrumenti ta' appoġġ finanzjarji u operazzjonali u jinformaw politika bbażata fuq l-evidenza fil-konfront ta' dawn il-pajjiżi.

Għalkemm il-ħidma ta' sħubija permezz ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ma' pajjiżi terzi ġiet rikonoxxuta bħala importanti diġà fl-2004, meta l-Kunsill, fuq il-bażi ta' inizjattiva tal-Greċja fir-rigward tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, adotta r-Regolament (KE) Nru 377/2004 dwar il-ħolqien ta' netwerk bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni (imsemmi bħala Regolament dwar l-ILOs)[2], l-impatt tiegħu ta' titjib fil-koordinazzjoni u fl-iskambju ta' informazzjoni ma ntlaħaqx bis-sħiħ. Ir-Regolament ġie emendat mir-Regolament (UE) Nru 493/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011[3]. Ir-Regolament dwar l-ILOs jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen.

Ir-Regolament eżistenti dwar l-ILOs jistabbilixxi l-obbligu li jiġu stabbiliti netwerks ta' kooperazzjoni lokali jew reġjonali fost l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni tal-Istati Membri u jiddeskrivi l-għanijiet ta' kooperazzjoni bħal din, kif ukoll il-kompiti tal-ILOs fir-rigward tal-pajjiż terz u r-responsabbiltajiet tagħhom fil-konfront tal-Istat Membru li qed jibgħathom. L-Artikolu 1(1) tar-Regolament dwar l-ILOs jiddefinixxi "uffiċjal għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni" bħala kwalunkwe rappreżentant ta' wieħed mill-Istati Membri, li jiġi skjerat f'pajjiż terz mis-servizz għall-immigrazzjoni jew minn awtoritajiet kompetenti oħrajn biex jistabbilixxi u jżomm kuntatt mal-awtoritajiet tal-pajjiż li bagħtu biex jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u għall-ġlieda tal-immigrazzjoni illegali, jiffaċilita r-ritorn ta' immigranti illegali u l-ġestjoni tal-migrazzjoni legali. L-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-ILOs jispeċifika li "uffiċjali għall-komunikazzjoni li qegħdin jieħdu ħsieb temi dwar l-immigrazzjoni bħala parti minn dmirijiethom" huma kkunsidrati wkoll bħala uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni. Din id-definizzjoni tinkludi fil-prattika "uffiċjali ta' kollegament tal-linji tal-ajru", "konsulenti ta' dokumenti" u "uffiċjali ta' kollegament għall-infurzar tal-liġi", sa fejn huma msejħa sabiex iwettqu l-kompiti msemmija hawn fuq.

---

[1] COM(2016) 385 final.

[2] ĠU L 64, 2.3.2004, p. 1-4.

[3] ĠU L 141, 27.5.2011, p. 13-16.

L-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni normalment jiġu skjerati fl-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi, iżda jiġu skjerati wkoll fl-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, kif ukoll f'organizzazzjonijiet internazzjonali għal perjodu ta' żmien li jrid jiġi ddeterminat mill-Istat Membru li qiegħed jibgħathom. L-Istati Membri bdew jibagħtu uffiċjali għall-komunikazzjoni fil-bidu tas-snin disgħin u mill-adozzjoni tar-Regolament dwar l-ILOs fl-2004, l-għadd ta' uffiċjali żdied minn 129 għal madwar 492 fl-2018, bi skjeramenti f'105 pajjiżi terzi. Filwaqt li mhux l-Istati Membri kollha jiskjeraw l-ILOs[4], l-ikbar numri ta' ILOs nazzjonali jintbagħtu mill-Ġermanja, Franza, Spanja, in-Netherlands u r-Renju Unit.

Barra minn hekk, l-emenda tar-Regolament dwar l-ILOs adottata fl-2011 ipprevediet kooperazzjoni bejn l-Aġenzija EBCG u n-netwerks tal-ILO, ippromwoviet l-użu ta' ICONet għal skambju regolari ta' informazzjoni u esperjenzi prattiki fin-netwerks lokali u kienet immirata li tirrazzjonalizza s-sistema ta' rapportar relatata mal-attivitajiet tan-netwerks tal-ILOs permezz tar-rapporti biennali tal-Presidenza.

Ir-rwol tal-ILOs huwa ġeneralment rikonoxxut mill-perspettiva tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE f'konformità mal-acquis ta' Schengen. Din il-ħidma tinkludi l-għoti ta' pariri lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi b'appoġġ għall-isforzi tagħhom biex jindirizzaw l-immigrazzjoni illegali, jiġġieldu kontra l-kriminalità transfruntiera jew jikxfu frodi tad-dokumenti. Barra minn hekk, l-ILOs għandhom esperjenza operazzjonali, għarfien dirett u kuntatti f'pajjiżi terzi li huma rilevanti ħafna u utli biex itejbu l-kooperazzjoni ma' dawn il-pajjiżi u jissodisfaw il-bżonnijiet tal-informazzjoni u tal-iżvilupp tal-politika fil-qasam tal-migrazzjoni fil-livell Ewropew.

Madankollu, l-evalwazzjoni esterna tar-Regolament attwali dwar l-ILOs, li tlestiet f'Awwissu 2017, enfasizzat li r-Regolament kellu impatt limitat u li kien l-iktar indirett fuq l-istabbiliment ta' netwerks formali fost l-ILOs skjerati fl-istess post, fuq it-titjib tal-ġbir u tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni u fuq it-titjib tal-koordinazzjoni tal-pożizzjoni u tal-attivitajiet tal-UE fil-konfront ta' pajjiżi terzi.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni u n-netwerks tagħhom għadhom rilevanti ħafna fil-kuntest globali attwali tal-migrazzjoni u jżommu l-koerenza ma' politiki Ewropej eżistenti u dawk ippjanati mmirati lejn il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari b'mod partikolari, imma identifikat ukoll xi nuqqasijiet. Hija identifikat li l-limitazzjonijiet tar-Regolament attwali dwar l-ILOs huma minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni u impenn fil-livell tal-UE, ikkawżat min-nuqqas li jiġi indirizzat il-fatt li l-maġġornaza l-kbira tal-ILOs huma riżorsi tal-Istati Membri, (96 % tal-iskjeramenti kollha), b'objettivi u kompiti bilaterali ċari ggwidati u stabbiliti mill-hekk imsejħa "back-offices" tal-ILOs fl-ammistrazzjonijiet nazzjonali. In-nuqqas ta' effikaċja, il-livell u l-ambitu tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni impedixxew il-fluss sistematiku ta' informazzjoni strateġika u operazzjonali kemm 'il fuq min-Networks tal-ILOs lejn l-UE, jiġfieri l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, l-Aġenziji tal-UE u d-Delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi terzi, kif ukoll orizzontalment fin-networks u l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-istrumenti attwali mfassla għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni, b'mod partikolari r-rapporti tal-Presidenza previsti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar l-ILOs u ICONet[5] kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament attwali, jintużaw b'mod infrekwenti mill-ILOs tal-Istati Membri u għalhekk urew li fil-biċċa l-kbira ma kinux effettivi. L-evalwazzjoni wriet ukoll li forom oħra ta' rapportar baqgħu

[4] 17-Il Stat Membru kif ukoll l-Iżvizzera u n-Norveġja bagħtu ILO f'Jannar 2018.

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi Network sigur ibbażat fuq il-web dwar l-Informazzjoni u l-Koordinazzjoni għas-Servizzi ta' Amministrazzjoni tal-Migrazzjoni tal-Istati Membri (2005/267/KE) imħassar bir-Regolament (UE) 2016/1624 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

deċentralizzati u frammentati madwar l-Istati Membri, fejn l-ILOs jirrapportaw fuq bażi bilaterali direttament lill-amministrazzjoni nazzjonali tagħhom.

Barra minn hekk, il-possibilitajiet offruti mir-Regolament, bħall-użu komuni tal-ILOs li ġew skjerati fl-istess post jew skjeramenti konġunti kofinanzjati mill-baġit tal-UE, ma ġewx sfruttati bis-sħiħ mill-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-funzjonijiet ġodda tal-uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Aġenzija EBCG) u l-Uffiċjali ta' Kollegament Ewropew għall-Migrazzjoni (EMLOs) ġew stabbiliti f'pajjiżi terzi prijoritarji biex jimmassimizzaw l-impatt tal-azzjoni tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni f'pajjiżi terzi u jtejbu l-impenn tal-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu, kif ukoll biex iżidu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni mal-ILOs.

L-għan tar-reviżjoni tar-Regolament dwar l-ILOs huwa li titjieb il-koordinazzjoni u biex jiġi ottimizzat l-użu tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, inkluż l-uffiċjali ta' kollegament Ewropej ġodda li jintbagħtu f'pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jwieġbu b'mod aktar effettiv għall-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni.

Peress li l-linja ta' kmand tal-ILOs (l-għoti tal-kompiti u r-rapportar) hija mwettqa fi ħdan l-awtoritajiet nazzjonali, ir-reviżjoni tfittex li ssaħħaħ l-impenn fil-livell Ewropew. Il-proposta timmira li tirrinforza l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri billi tistabbilixxi mekkaniżmu ta' governanza formali ("Bord ta' Tmexxija") magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni, il-"back offices" tal-ILOs tal-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE. Jenħtieġ li l-Bord ta' Tmexxija jiltaqa' regolarment biex jipprovdi pjattaforma għall-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-iżvilupp u l-operat ta' netwerks ibbażati fuq prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali relatati mal-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-UE. Dawn se jiġu miftiehma kollettivament bejn l-UE u l-Istati Membri, pereżempju f'każ ta' flussi għall-għarrieda ta' migranti. Permezz ta' fehim iktar mill-qrib tal-kapaċitajiet disponibbli, l-UE se tkun mgħammra aħjar biex timmira l-interventi u risponsi tagħha lejn oqsma differenti ta' politika dwar il-migrazzjoni.

Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni u l-konsultazzjonijiet relatati tar-Regolament attwali dwar l-ILOs appoġġaw unanimament li ftit hemm, jekk hemm, valur fir-rapporti tal-Presidenza biennali[6] li jkopru l-attivitajiet tan-netwerks tal-ILO u s-sitwazzjoni tal-migrazzjoni illegali f'pajjiżi terzi speċifiċi. Għalhekk, il-proposta ttemm dan l-obbligu u tintroduċi r-rapportar dwar suġġetti ta' interess komuni għall-UE li ġew diskussi u miftiehma mal-Bord ta' Tmexxija. Hija tipprevedi wkoll aġġornamenti sistematiċi dwar l-iskjerament attwali u intenzjonat ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni mill-entitajiet kollha li jibgħatuhom.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta twieġeb għas-sejħiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew biex tiġi żviluppata politika koerenti u kredibbli fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali, l-indirizzar tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, it-titjib fir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment u l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea. F'April 2015, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa orjentazzjonijiet ċari għal dan il-għan[7] li fakkru l-bżonn għal iktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu sabiex tiġi kkontrollata l-immigrazzjoni illegali.

Fl-2015, l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[8] u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar tal-Migranti (2015–2020)[9], identifikaw l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-

[6] Il-format tar-rapport ġie speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/687/KE.
[7] http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2015/04/23/special-euco-statement/
[8] COM(2015) 240.
[9] COM(2015) 285.

Regolament attwali dwar l-ILOs bħala waħda mill-azzjonijiet prijoritarji tagħhom bil-ħsieb li jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u li jkun hemm prevenzjoni aħjar tal-immigrazzjoni illegali u tal-kuntrabandu tal-migranti. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni ħabbret l-iskjerament tal-Uffiċjali ta' Kollegament dwar il-Migrazzjoni Ewropej, bl-għan li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni. Fil-preżent, l-EMLOs huma skjerati għal 13-il pajjiż prijoritarju[10], u ngħaqdu ma' netwerks tal-ILOs biex jikkoordinaw mill-qrib ix-xogħol f'dan il-qasam ma' uffiċjali għall-komunikazzjoni oħrajn fuq il-post.

Sentejn wara, fil-Komunikazzjoni dwar it-twettiq tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[11], il-Kummissjoni ħabbret li, abbażi tar-riżultat tal-evalwazzjoni tar-Regolament dwar l-ILOs, jistgħu jiġu stabbiliti qafas komuni u mandati ċari ta' persunal skjerat lejn pajjiżi terzi biex jieħdu azzjonijiet biex jiġġieldu l-kuntrabandu tal-migranti permezz ta' reviżjoni tal-qafas ġuridiku attwali. Dan huwa wkoll f'konformità mal-prijoritajiet tal-politika identifikati fil-Komunikazzjoni dwar it-Traffikar tal-Bnedmin[12], biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-aspetti interni u esterni tal-azzjoni tal-UE kontra t-traffikar, inkluż permezz ta' netwerks rilevanti.

Permezz ta' din il-proposta, il-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-politika ġenerali fil-qasam tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Din il-proposta tibni fuq il-politika eżistenti, speċjalment ir-Regolament attwali, li jistabbilixxi l-kompiti tal-ILOs u joħloq netwerk tal-ILOs iżda twassalha għal livell differenti mill-aspett ta' kwalità. Din il-proposta tespandi b'mod sostanzjali fuq il-kapaċità tan-netwerks tal-ILOs biex iwieġbu b'mod effettiv u fil-ħin għall-isfidi relatati mal-migrazzjoni, preżenti jew futuri, billi b'mod proattiv issaħħaħ, tivvaluta, u tikkoordina l-azzjonijiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni fl-implimentazzjoni ta' miżuri konġunti barra jew mal-fruntieri esterni tal-UE. Din ir-reviżjoni se tippermetti wkoll li jiġi sfruttat b'mod sħiħ il-potenzjal tan-netwerk bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni skjerati mill-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija marbuta mill-qrib ma' għadd ta' attivitajiet tal-Unjoni dwar il-qasam ta' politika tal-migrazzjoni u tikkomplementahom, jiġifieri:

- **Il-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u t-traffikar tal-bnedmin u l-ġlieda kontrihom** billi l-azzjonijiet effettivi kontra l-attivitajiet kriminali mit-traffikanti jridu jittieħdu tul ir-rotta migratorja kollha, filwaqt li wieħed jibda fid-direzzjoni upstream f'pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu;
- **Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment**, fejn prekundizzjoni essenzjali fir-rigward ta' dan hija t-titjib tal-kooperazzjoni prattika u tal-arranġamenti ma' pajjiżi ta' oriġini, biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' riammissjoni eżistenti u l-konklużjoni tas-sessjoni ta' negozjati li għaddejjin bħalissa kif ukoll l-infurzar tad-deċiżjonijiet ta' ritorn;
- **Il-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri** li tidentifika r-riskji għas-sigurtà interna u t-theddid li jista' jaffettwa l-funzjonament jew is-sigurtà tal-fruntieri esterni, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, permezz tal-appoġġ u l-koordinazzjoni tal-Aġenzija ta-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, kif ukoll tal-kooperazzjoni

[10] L-Etjopja, il-Ġordan, il-Lebanon, il-Mali, in-Niġer, in-Niġerja, il-Pakistan, is-Senegal, is-Serbja, is-Sudan, it-Tuneżija u t-Turkija.
[11] COM(2017)558.
[12] COM (2017) 728 final.

ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari mal-pajjiżi ġriein u l-pajjiżi terzi li ġew identifikati permezz tal-analiżi tar-riskju bħall-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu;

- **Il-migrazzjoni legali u l-Integrazzjoni**, li huma partijiet integrali ġenerali tal-UE dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-kwistjonijiet tal-migrazzjoni u essenzjali għall-ġestjoni intelliġenti u effettiva tal-flussi migratorji, b'mod partikolari billi jadottaw il-kunċett tal-Uffiċjali ta' Kollegament għall-Integrazzjoni fl-Ambaxxati fil-pajjiżi terzi ewlenin, kif enfasizzat fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Integrazzjoni tal-2016 [13];
- **Il-politika ta' relazzjonijiet esterni tal-Unjoni**, billi l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni skjerati lejn pajjiżi terzi jenħtieġ li jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni operattiva bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-koordinazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-protezzjoni, il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, it-traffikar ta' bnedmin, ir-ritorn u r-riammissjoni kif ukoll il-ġestjoni tal-fruntieri;
- **Il-protezzjoni tad-*data*,** sa fejn din il-proposta tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' individwi li d-*data* personali tagħhom tiġi pproċessata.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Din il-proposta leġiżlattiva hija bbażata fuq l-Artikolu 79(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jawtorizza lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw miżuri fil-qasam tal-immigrazzjoni legali, l-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inklużi t-tneħħija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar ta' persuni, kif ukoll fuq l-Artikolu 74, li jawtorizza lill-Kunsill jadotta miżuri bil-għan li jiżguraw il-kooperazzjoni amministrattiva bejn id-dipartimenti rilevanti tal-Istati Membri fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi żgurat l-użu ottimali tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, inklużi dawk skjerati mill-Kummissjoni u mill-Aġenziji tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi, sabiex jiġu implimentati b'mod iktar effettiv il-prijoritajiet tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni, bħall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, il-faċilitazzjoni tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, kif ukoll l-appoġġ tal-ġestjoni tal-migrazzjoni legali, inkluż fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, ir-risistemazzjoni u l-miżuri ta' integrazzjoni ta' qabel it-tluq, b'mod iktar effettiv. L-ilħiq ta' dawn l-għanijiet jirrikjedi approċċ koordinat fil-livell tal-UE, li jinvolvi l-awtoritajiet nazzjonali kollha u l-korpi tal-UE responsabbli għall-iskjerament u l-ġestjoni tal-uffiċjali ta' kollegament li jindirizzaw kwistjonijiet ta' migrazzjoni f'pajjiżi terzi. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, b'mod partikolari, hija ta' interess komuni tal-Istati Membri kollha, li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu waħedhom, u b'hekk ikun hemm bżonn ta' azzjoni koordinata fuq livell Ewropew u miżuri mmirati b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

[13] COM(2016) 377.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta leġiżlattiva se twieġeb għall-isfidi u r-realtajiet politiċi ġodda li qiegħda taffaċċja l-Unjoni, kemm fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, kif ukoll tas-sigurtà interna. Hija tistabbilixxi mekkaniżmi li se jippermettu ġestjoni iktar effettiva tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, inklużi dawk skjerati mill-Kummissjoni u mill-Aġenziji tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi, bħala parti mill-miżuri li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politika Ewropea tal-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha. Hija tiżgura li l-informazzjoni tinġabar u tiġi kondiviża u li tittieħed azzjoni xierqa għall-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin billi tintervjeni fi stadju bikri fil-fruntieri esterni. Barra minn hekk, hija tappoġġa l-ġestjoni tal-migrazzjoni legali, inkluż fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, ir-risistemazzjoni u l-miżuri ta' integrazzjoni ta' qabel it-tluq, b'rispett sħiħ lejn l-istrutturi u l-proċeduri nazzjonali.

Il-proposta tikkostitwixxi żvilupp ieħor tal-acquis ta' Schengen fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali. Hija ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll bejniethom u l-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi ewlenin.

- **Għażla tal-istrument**

Il-grad neċessarju ta' uniformità meħtieġ għall-governanza effettiva ta' netwerk Ewropew bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni f'pajjiżi terzi jista' jinkiseb biss permezz ta' Regolament, fejn dan jiġi kkonfermat permezz tat-twaqqif inizjali ta' Netwerk ILO. Peress li l-objettivi u l-kuntest politiku ma nbidlux, l-istess tip ta' strument ġuridiku jibqa' xieraq għal din il-proposta.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni esterna tar-Regolament attwali dwar l-ILOs, li tlestiet f'Awwissu 2017.

Il-proċess ta' evalwazzjoni inkluda konsultazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' sorsi, inkluża l-analiżi tar-rapporti u d-dokumenti tal-Presidenza assoċjati mal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar in-Netwerks tal-ILOs, l-organizzazzjoni ta' missjonijiet ta' inkjesta f'14-il pajjiż fejn intbagħtu l-ILOs (il-Pakistan, il-Ġordan, l-Eġittu, in-Niġerja, l-Etjopja, l-Afrika t'Isfel, l-Albanija (ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent), il-Marokk, is-Senegal, il-Ghana, it-Turkija, it-Tajlandja, iċ-Ċina, u r-Russja), intervisti ma' partijiet ikkonċernati tal-UE, maniġers tal-ILOs fl-Istati Membri u organizzazzjonijiet internazzjonali u t-twettiq ta' stħarriġ tal-ILOs u tal-maniġers tagħhom. Barra minn hekk, ġew imwettqa intervisti fil-fond mal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u mal-Aġenziji tal-Politika ta' Sigurtà u tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-panel tal-maniġers tal-ILOs kien kostitwit mir-rappreżentanti ta' erba' Stati Membri: Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u r-Renju Unit. Dawn is-sorsi ġew trijangolati biex jipprovdu analiżi robusta, konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjoni.

L-evidenza miġbura kkonfermat li l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni u n-netwerks tagħhom jibqgħu rilevanti ħafna fil-kuntest globali attwali tal-migrazzjoni u jżommu l-koerenza ma' politiki tal-Unjoni eżistenti u ppjanati fil-qasam tal-migrazzjoni. Madankollu, l-evalwazzjoni żvelat ukoll li l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni huma marbuta strettament mal-amministrazzjoni ta' pajjiżhom f'termini tat-teħid u l-prijoritzzazzjoni tax-xogħol tagħhom, kif ukoll tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Hija enfasizzat in-nuqqas ta' konsiderazzjoni li tingħata lil dan l-aspett fir-Regolament eżistenti, li jikkonċentra fuq li jiddeterieġi kif uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni jenħtieġ li jfasslu, jiżviluppaw u jamministraw netwerks lokalment f'pajjiżi terzi, filwaqt li jinjora l-ħtieġa għal governanza tan-netwerks fil-livell tal-Unjoni.

Barra minn hekk, l-evidenza fl-evalwazzjoni wriet li r-Regolament attwali ma instigax it-twaqqif sistematiku ta' netwerks formali, peress li in-netwerkjar isir xorta waħda f'xi forma jew oħra f'kull post fejn jiġu skjerati tliet (3) uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni jew aktar. Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni kkonkludiet li r-Regolament kellu nuqqas ta' impatt li jista' jitkejjel fuq il-livell u l-ambitu tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni fi ħdan netwerk bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni. Ir-Regolament la wettaq fluss sistematiku ta' informazzjoni strateġika u intelliġenza operattiva f'direzzjoni 'l fuq minn Netwerks tal-ILOs lejn l-istituzzjonijiet u korpi tal-UE, u lanqas orizzontalment bejn in-netwerks u l-Istati Membri

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni pprovdew evidenza li appoġġat il-proposta attwali u ġew riflessi fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tar-Regolament dwar l-ILOs ippreżentat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja din il-proposta.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bi tħejjija għal din il-proposta, il-Kummissjoni ġiet iggwidata mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u d-diskussjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri u fil-Parlament Ewropew dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u dwar il-miżuri meħtiġa biex tiġi indirizzata l-kriżi migratorja.

Konsultazzjonijiet immirati ma' partijiet ikkonċernati rilevanti twettqu matul il-proċess ta' evalwazzjoni esterna. Id-disinn tal-evalwazzjoni kien ibbażat fuq approċċ parteċipattiv li jippermetti l-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati ewlenin, speċjalment ILOs u maniġers ta' ILOs. Twettqu 14-il sessjoni ta' ħidma f'pajjiżi terzi ewlenin fejn huma skjerati uffiċjali ta' kollegament, li jinvolvu konsultazzjonijiet mal-persunal rilevanti kollha, b'mod partikolari mid-Delegazzjonijiet tal-UE, l-Ambaxxati u s-sezzjonijiet konsulari tal-Istati Membri, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali bħal IOM u UNHCR, kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiżi ospitanti. Barra minn hekk, fi stadji differenti tal-proċess, saru konsultazzjonijiet mal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Aġenziji tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri li għandhom l-ikbar numru ta' ILOs.

Il-Grupp ta' Esperti dwar in-Netwerks tal-ILOs tal-Istati Membri kien involut matul il-proċess sħiħ ta' evalwazzjoni u ġie kkonsultat dwar ir-rakkomandazzjonijiet. Konsultazzjonijiet addizzjonali mfassla apposta mal-ILOs tal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati l-oħra saru f'sitt avvenimenti reġjonali bejn Novembru 2017 u Marzu 2018 f'Islambad, Moska, Belgrad, Tunis, Amman u Dakar. F'Novembru 2017 u Jannar 2018, twettqu żewġ sessjonijiet ta' konsultazzjoni mmirati mal-Aġenziji tal-UE b'segwitu iktar dettaljat b'konversazzjonijiet ta' vidjokonferenza mal-Aġenżija tal-EBCG u Europol. F'Jannar 2018, reġa' tlaqqa' panel ta'

maniġers ta' ILOs mill-Istati Membri bl-ikbar netwerks ta' ILOs[14], biex jipprovdi tagħrif addizzjonali qabel l-iżvilupp ta' din il-proposta.

Ir-riżultati tal-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-biċċa l-kbira qablu mal-konklużjoni tal-evalwazzjoni esterna. Il-partijiet ikkonċernati kkonsultati apprezzaw il-potenzjal tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni. Huma esprimew il-ħtieġa li jiġu stabbiliti mekkaniżmi għal kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar. L-Istati Membri, b'mod partikolari, enfasizzaw il-valur tal-kooperazzjoni ma' Stati li mhumiex fl-UE li jiskjeraw uffiċjali ta' kollegament u talbu li tinżamm il-flessibbiltà rigward il-formazzjoni tan-netwerks lokali u reġjonali ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni. L-Aġenziji tal-Unjoni talbu kooperazzjoni aktar mill-qrib man-netwerks tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni u kondiviżjoni iktar effettiva ta' informazzjoni mal-Aġenziji u l-użu ta' prodott analitiku prodott mill-Aġenziji. Barra minn hekk, kien hemm qbil unanimu fost il-partijiet ikkonċernati kollha dwar in-nuqqas ta' effettività tad-dispożizzjonijiet attwali marbuta mal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-mekkaniżmi ta' rapportar.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Matul l-evalwazzjoni u r-riċerka relatata tal-Kummissjoni, irriżulta li r-Regolament rivedut se jkollu biss impatt limitat meta mqabbel mal-piżijiet amministrattivi filwaqt li impatt ekonomiku, soċjali jew ambjentali wiesa' ieħor deher li kien irrelevanti jew iktar indirett u fit-tul. Il-proposta se taffettwa direttament kostitwenza żgħira ta' madwar 500 uffiċjal skjerati mill-Istati Membri f'pajjiżi terzi, flimkien ma' grupp rappreżentattiv żgħir ta' maniġers, filwaqt li l-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi li jospitaw l-ILOs jiġu affettwati biss indirettament. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet ta' din il-proposta ma għandhom l-ebda impatt fuq il-kompiti ċentrali ta' dawn l-uffiċjali, u lanqas fuq l-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri u minn korpi oħra li jiskjerawhom. L-evalwazzjoni u l-analiżi tal-Kummissjoni twettqu f'konsultazzjoni mill-qrib u b'kollaborazzjoni mal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri affettwati direttament mill-proposta, filwaqt li l-impatti potenzjali u l-mistoqsijiet rilevanti ġew diskussi u ttestjati magħhom matul il-proċess.

Fuq il-bażi ta' din il-konsultazzjoni u flimkien mar-riżultati tal-evalwazzjoni u l-analiżi tagħna stess, ġie konkluż li ma huma mistennija l-ebda impatti sinfikanti tal-proposta. Barra minn hekk, fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni, mhuwiex ikkunsidrat paragun dettaljat ta' għażliet alternattivi ta' politika rilevanti peress li ma ġew identifikati l-ebda alternattivi reali li jindirizzaw il-problemi enfasizzati, u konsegwenza ta' dan, il-proposta ma kinitx teħtieġ valutazzjoni tal-impatt.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tħares id-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikoli 2 u 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din il-proposta tirrispetta bis-sħiħ id-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja, il-projbizzjoni tat-tortura u trattament jew kastig inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, id-dritt għall-asil u l-protezzjoni f'każ ta' tneħħija u espulsjoni, il-prinċipji ta' non-refoulement u ta' nondiskriminazzjoni, id-dritt ta' rimedju effettiv, u d-drittijiet tat-tfal.

[14] Dan il-panel attendew għalih Franza, il-Ġermanja, Spanja, in-Netherlands u r-Renju Unit. Il-Belġju, li ma setax jattendi l-panel, ġie kkonsultat sussegwentement.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

In-netwerk Ewropew bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni se jiġi ffinanzjat permezz tal-istrument ta' finanzjament tal-UE ddedikat. Skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali (2014-2020), ir-riżorsi ġew assenjati għal dan il-għan fil-Fond għas-Sigurtà Interna - Fruntieri u Viża. Huwa previst li l-ispejjeż marbuta mal-implimentazzjoni ta' din il-proposta, speċjalment biex jappoġġaw l-iskjerament tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni mill-Kummissjoni, kif ukoll l-ispejjeż amministrattivi u operazzjonali relatati mal-attivitajiet tan-netwerks tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni kif inkarigati mill-Bord ta' Tmexxija se jibqgħu jkunu eliġibbli taħt l-istess linja baġitarja fil-QFP li jmiss. Jekk il-proposta tiġi adottata qabel il-qafas finanzjarji li jmiss, ir-riżorsi meħtieġa (stmati għal EUR 860 000) se jiġu ffinanzjati mill-linja baġitarja attwali FSI-Fruntieri u Viża u l-ammonti se jitnaqqsu mill-ammont ġenerali ta' EUR 17,3-il miljun maħsuba għall-implimentazzjoni ta' din il-proposta. L-ispejjeż marbuta mal-implimentazzjoni ta' din il-proposta huma allokati kif ġej: EUR 1,6 miljun għall-funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija, EUR 12,2-il miljun għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tan-netwerk Ewropew bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni u EUR 3,5 miljun stmati għall-iskjerament ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni mill-Kummissjoni. Ir-riżorsi meħtieġa għal din il-proposta huma kompatibbli kemm mal-QFP (2014-2020) attwali kif ukoll mal-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 tat-2 ta' Mejju 2018.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-regolament propost lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dawn is-sejbiet iridu jsiru pubbliċi.

- **Konsegwenzi tad-diversi protokolli annessi mat-Trattati u tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni konklużi ma' pajjiżi terzi**

Il-proposta hija msejsa fuq l-acquis ta' Schengen. Il-konsegwenzi tal-protokolli varji għalhekk jridu jiġu kkunsidrati fir-rigward tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit; l-Iżlanda u n-Norveġja; u l-Iżvizzera u l-Liechtenstein. Bl-istess mod, il-konsegwenzi għad-diversi Atti ta' Adeżjonijiet iridu jiġu kkunsidrati. Is-sitwazzjoni dettaljata dwar kull wieħed mill-Istati hija deskritta fil-premessi ta' din il-proposta.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-ħolqien ta' netwerk Ewropew bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni li ġew skjerati mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi bil-għan li jikkontribwixxu għal ġestjoni tal-migrazzjoni b'mod effettiv u biex jiżguraw livell għoli ta' sigurtà interna fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Għal dawn il-finijiet, il-proposta tistabbilixxi l-elementi li ġejjin bil-għan li ssaħħaħ il-governanza ta' netwerk Ewropew bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni.

- Hija taġġusta t-titolu tar-Regolament u t-terminoloġija ewlenija biex jirriflettu aħjar l-objettivi tal-proposta, speċjalment l-għan li titjieb il-koordinazzjoni Ewropea tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni.

- Tkompli tiċċara d-definizzjoni ta' uffiċjal għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, tagħmel referenza espliċita għal uffiċjali ta' kollegament għall-infurzar tal-liġi li jaħdmu fuq kompiti relatati mal-migrazzjoni.
- Tintroduċi Bord ta' Tmexxija fil-livell Ewropew biex issaħħaħ fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni l-ġestjoni ta' netwerk u l-koordinazzjoni ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni skjerati lejn pajjiżi terzi.
- Ittemm l-obbligu tar-rapport biennali tal-Presidenza, tintroduċi rekwiżiti ta' rapportar li jridu jiġu miftiehma mill-Bord ta' Tmexxija, li se jinkludu azzjonijiet ta' segwitu, u tintroduċi wkoll il-possibbiltà għall-Bord ta' Tmexxija li jikkummissjona talbiet ta' informazzjoni *ad hoc* immirati.
- Issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, kif ukoll bejn il-membri tal-Bord ta' Tmexxija permezz ta' pjattaforma fuq l-internet.
- Tipprovdi ċertezza tad-dritt rigward l-ipproċessar ta' *data* personali minn uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni biex jiġu ssodisfati l-kompiti u l-attivitajiet definiti mill-proposta.

↓ 377/2004 (adattat)
⇨ ġdid

2018/0153 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ħolqien ta' netwerk Ewropew bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni (riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ ~~li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej~~, u partikolarment l-Artikolu ~~63(3)(b)~~ ⌦ 74 ⌫ u l-Artikolu ~~66~~ ⌦ 79(2) ⌫ tat-Trattat imsemmi,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

---

⇩ ġdid

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/2004[15] ġie emendat b'mod sostanzjali[16]. Peress li se jsiru iktar emendi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi riformulat għal iktar ċarezza.

---

↓ 377/2004 premessa 1 (adattat)

~~Il-pjan għall-immaniġġjar tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, li l-Kunsill qabel dwarhom fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2002, jaħseb għall-istabbiliment ta' networks bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni f'pajjiżi terzi.~~

---

↓ 377/2004 premessa 2 (adattat)

~~Fil-konklużjonijiet tal-laqgħat tiegħu tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill Ewropew ta' Sevilja wera x-xewqa li tiġi stabbilita network bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ta' l-Istati Membri qabel tmiem l-2002.~~

---

15 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar il-ħolqien ta' network bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni (ĠU L 064, 2.3.2004, p. 1).

16 Ara l-Anness I.

↓ 377/2004 premessa 3 (adattat)

~~Fil-laqgħa tiegħu tat-28 u d-29 ta' Novembru 2002 il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar titjib fis-Network bejn l-Uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni, billi nnota r-rapport tal-Presidenza, u fejn juri li s-network ta' l-uffċjali għall-komunikazzjoni teżisti f'bosta pajjiżi li jkopri r-rapport, imma fejn innota wkoll li kien hemm bżonn ta' aktar tisħIħ ta' din is-network.~~

↓ 377/2004 premessa 4 (adattat)

~~Il-Kunsill ta' l-Ewropa tat-Tessalonika tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 enfasizza l-bżonn li jsir xogħol b'aktar ħeffa dwar l-adozzjoni ta' l-istrument legali xieraq li formalment jistabbilixxi network għall-Uffiċjali għall-Komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni (ILOS) f'pajjiżi terzi, fl-aktar data qrib possibbli u qabel tmiem l-2002. Il-Kunsill ta' l-Ewropa rrefera għall-importanza ta' l-informazzjoni li s-sistema ta' l-ILOS tipprovdi għall-iżvilupp ta' mekkaniżmu evalwattiv biex jitqiesu r-relazzjonijiet ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx ma' l-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali.~~

↓ 377/2004 premessa 5 (adattat)

~~Wara l-Kunsill ta' l-Ewropa tat-Tessalonika, hu neċessarju li l-eżistenza u l-funzjonament ta' din is-network tiġi fformalizzata – b'serħan fuq l-esperjenzi misjuba minn proġetti li għadhom għaddejjin, inkluża s-network għall-ILOS fil-Balkani tal-Punent immexxija mill-Belġju – permezz ta' att legali li jorbot, li jinkludi l-obbligazzjoni li jiġu stabbiliti forom ta' koperazzjoni bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ta' l-Istati Membri, l-għanijiet ta' din il-koperazzjoni, il-funzjonijiet l-kwalifiki xierqa ta' dawn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-pajjiż li jilqagħhom u lejn l-Istat Membru li jibgħathom.~~

↓ 377/2004 premessa 6 (adattat)

~~Huwa wkoll mixtieq li jiġI fformalizzat il-mod li bih l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Komunità jiġu infurmati bl-attivitajiet tas-network ta' l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni biex ikunu jistgħu jipproponu jew jieħdu l-miżuri li jkunu jeħtieġu biex ikomplu jtejbu l-immaniġġjar ġenerali tal-kontroll tal-persuni fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri.~~

↓ 377/2004 premessa 7 (adattat)

~~Billi jikkunsidraw id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/170/ĠAI tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-użu komuni ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni li jaħdmu f'pajjiżi terzi mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri[17].~~

[17] ~~ĠU L 67, 12.3.2003, p. 27~~

⇩ ġdid

(2) Iż-żieda qawwija fil-flussi migratorji mħalltin fl-2015 u l-2016 poġġiet is-sistemi tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-asil u l-fruntieri taħt pressjoni u talbet rispons Ewropew ikkoordinat u effettiv.

(3) L-għan tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni huwa li l-flussi irregolari u bla kontroll jiġu sostitwiti b'rotot sikuri u ġestiti tajjeb permezz ta' approċċ komprensiv li jindirizza l-aspetti kollha tal-migrazzjoni.

(4) Ir-rispett tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem jibqa' prinċipju fundamentali tal-Unjoni fl-indirizzar tal-kriżi tal-migrazzjoni. L-Unjoni hija impenjata li tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-migranti kollha, ikun x'ikun l-istatus ta' migrazzjoni tagħhom, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-Unjoni dwar l-immigrazzjoni fl-aspetti kollha tagħhom, jenħtieġ li jiġu segwiti djalogu konsistenti u kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ewlenin ta' oriġini u ta' transitu għall-migranti u l-persuni li jfittxu asil. Kooperazzjoni bħal din jenħtieġ li tipprovdi ġestjoni aħjar tal-immigrazzjoni, inklużi t-tluq u r-ritorn, tikkontribwixxi għall-istabilizzazzjoni tal-flussi migratorji, tappoġġa l-kapaċità ta' ġbir u kondiviżjoni tal-informazzjoni, u tevita u tiġġieled l-iffaċilitar tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll l-aċċess tal-persuni li jfittxu asil għal protezzjoni.

(6) Fid-dawl tad-domanda dejjem tiżdied għal intelligence u informazzjoni biex jappoġġaw il-politika bbażata fuq l-evidenza u r-risponsi operazzjonali, jeħtieġ li l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni jiżguraw li l-komprensjoni u l-għarfien tagħhom jikkontribwixxu bis-sħiħ għat-twaqqif ta' stampa kompluta tas-sitwazzjoni tal-pajjiżi terzi.

(7) L-iskjerament tal-Uffiċjali għall-Komunikazzjoni dwar il-Migrazzjoni Ewropej attwali lejn il-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu, kif mitlub mill-konklużjonijiet tal-laqgħa speċjali tal-Kapijiet ta' Stat u Gvernijiet fit-23 ta' April 2015, kien l-ewwel pass biex itejjeb l-impenn mal-pajjiżi terzi dwar il-kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni u biex iżid il-koordinazzjoni mal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni skjerati mill-Istati Membri. Filwaqt li jibnu fuq din l-esperjenza, l-iskjerament fit-tul tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni mill-Kummissjoni lejn pajjiżi terzi jrid jiġi previst biex jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u jimmassimizza l-impatt tal-azzjoni tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni.

(8) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiżgura koordinazzjoni aħjar u jottimizza l-użu tal-uffiċjali ta' kollegament skjerati lejn pajjiżi terzi mill-Istati Memrbi, il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-UE sabiex iwieġbu b'mod iktar effettiv għall-prijoritajiet tal-UE tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera relatata, bħall-iffaċilitar tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, l-iffaċilitar tar-ritorn, ir-riammissjoni u l-attivitajiet ta' riintegrazzjoni, il-kontribuzzjoni għal ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, kif ukoll l-appoġġ tal-ġestjoni tal-immigrazzjoni legali, inkluż fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, ir-risistemazzjoni u l-miżuri ta' integrazzjoni ta' qabel it-tluq meħuda mill-Istati Membri u l-Unjoni.

(9) Filwaqt li jibni fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/2004, dan ir-Regolament jimmira biex jiżgura li l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni jikkontribwixxu għall-funzjonament ta' netwerk Ewropew ta' uffiċjali għall-

komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni primarjament billi jistabbilixxu mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni jkunu jistgħu jikkoordinaw il-kompiti u r-rwoli tal-uffiċjali ta' kollegament b'mod iktar sistematiku.

(10) Filwaqt li jitqies li l-mandati u l-kompiti tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni jistgħu jikkoinċidu, jenħtieġ li jsiru l-isforzi dovuti biex jikkoordinaw aħjar il-ħidma tal-uffiċjali li joperaw fl-istess pajjiż terz jew reġjun. Fejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni jiġu skjerati direttament lejn il-missjonijiet diplomatiċi tal-Unjoni f'pajjż terz mill-Kummissjoni, jenħtieġ li huma jibdew u jmexxu netwerk ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni f'dak il-pajjiż terz.

(11) L-istabbilment ta' mekkaniżmu ta' governanza robust li jiżgura koordinazzjoni aħjar tal-uffiċjali kollha ta' kollegament li jindirizzaw kwistjonijiet ta' immigrazzjoni bħala parti mill-obbligi tagħhom, huwa essenzjali sabiex jitnaqqsu d-distakki tal-informazzjoni u d-dupplikazzjoni tax-xogħol u jiġu massimizzati l-kapaċitajiet operazzjonali u l-effettività. Jenħtieġ li l-Bord ta' Tmexxija jipprovdi gwida konformi mal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni – filwaqt li jqis ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni – u jenħtieġ li jingħata s-setgħat neċessarji, b'mod partikolari biex jadotta programmi ta' ħidma biennali ta' attivitajiet tan-netwerks, jassenja kompiti mfasslin apposta għall-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni li jindirizzaw il-prijoritajiet u l-bżonnijiet emerġenti mhux diġà koperti mill-programm ta' ħidma biennali, jalloka r-riżorsi għall-attivitajiet miftiehma u jkun responsabbli għat-twettiq tagħhom.

(12) Jenħtieġ li l-Bord ta' Tmexxija jistabbilixxi lista ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni skjerati lejn pajjiżi terzi u li jaġġornaha regolarment. Il-lista jenħtieġ li tinkludi informazzjoni relatata mal-lokazzjoni, il-kompożizzjoni u l-attivitajiet ta' netwerks differenti, u tinkludi d-dettalji ta' kuntatt u sommarju tal-obbligi tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni.

(13) L-iskjerament konġunt ta' uffiċjali ta' kollegament jenħtieġ li jiġi promoss bil-għan li jtejjeb il-kooperazzjoni operattiva u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, kif ukoll iwieġeb għall-bżonnijiet fil-livell tal-Unjoni, kif definit mill-Bord ta' Tmexxija. L-iskjerament konġunt, minn tal-inqas żewġ Stati Membri, jenħtieġ li jkun appoġġat mill-fondi tal-Unjoni li jinkoraġġixxu l-impenn u jipprovdi valur miżjud għall-Istati Membri kollha, u b'mod partikolari dawk b'netwerks iżgħar jew dawk neqsin minn netwerks f'pajjiżi terzi.

(14) Jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet speċjali għal azzjoni iktar wiesgħa ta' bini ta' kapaċità tal-Unjoni għall-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, permezz ta' żvilupp, f'kooperazzjoni mal-Aġenziji tal-Unjoni rilevanti, ta' kurrikuli bażiċi komuni u korsijiet ta' qabel il-missjoni, u għall-appoġġ tat-tisħiħ tal-kapaċità operazzjonali ta' netwerks ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni.

(15) In-netwerks ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni jenħtieġ li jevitaw li jiddupplikaw ix-xogħol tal-Aġenziji tal-Unjoni u ta' strumenti u strutturi oħra tal-Unjoni u li jagħtu valur miżjud lil dak li diġà jiksbu f'termini ta' ġbir u skambju ta' informazzjoni fil-qasam tal-immigrazzjoni, b'mod partikolari billi jiffokaw fuq aspetti operazzjonali. Jenħtieġ li jaġixxu bħala faċilitaturi u fornituri ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi biex jappoġġaw Aġenziji tal-Unjoni fil-funzjonijiet u l-kompiti tagħhom, b'mod partikolari meta Aġenziji tal-Unjoni ma jkunux stabbilew relazzjonijiet kooperattivi ma' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li tiġi stabbilita kooperazzjoni

iktar mill-qrib bejn netwerks ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni rilevanti għal dak il-għan.

(16) L-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-prodotti analitiċi strateġiċi u operazzjonali tal-Aġenziji tal-Unjoni fir-rigward tal-immigrazzjoni illegali, ir-ritorn, il-kriminalità transfruntiera jew il-protezzjoni internazzjonali u r-risistemazzjoni effettivament jilħqu l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni f'pajjiżi terzi u li l-informazzjoni pprovduta mill-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-mmigrazzjoni tiġi kondiviża mal-Aġenziji tal-Unjoni rilevanti – b'mod partikolari l-Aġenzija Ewroepa għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Europol u l-Aġenżija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil fil-kamp ta' applikazzjoni tal-oqfsa ġuridiċi rispettivi tagħhom.

(17) Sabiex tiżgura l-iktar użu effettiv tal-informazzjoni miġbura min-netwerks tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni, informazzjoni bħal din jenħtieġ li tkun disponibbli permezz ta' pjattaforma ta' skambju ta' informazzjoni bbażata fuq l-internet.

(18) Jenħtieġ li l-informazzjoni miġbura mill-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni tappoġġa l-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] u tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza fil-fruntieri nazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19].

(19) Jenħtieġ li jkun possibbli jintużaw ir-riżorsi disponibbli tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] biex jappoġġaw l-attivitajiet tan-netwerk Ewropew tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni, kif ukoll biex ikomplu bl-iskjerament ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni konġunti mill-Istati Membri.

(20) Kwalunkwe proċessar u trasferiment ta' *data* personali minn Stati Membri fil-qafas ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2016/680[22]. Il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li

[18] Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 836/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1-76).

[19] Ir-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur) (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 11).

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

[21] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[22] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] meta jipproċessaw *data* personali.

(21) L-ipproċessar ta' *data* personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirritornaw u tal-iffaċilitar tar-risistemazzjoni ta' persuni bi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u l-implimentazzjoni ta' miżuri tal-Unjoni fir-rigward tal-ammissjoni ta' immigranti legali. Jenħtieġ, għalhekk, qafas ġuridiku li jirrikonoxxi r-rwol tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni f'dan il-kuntest.

(22) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fl-Istati Membri, f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24], huwa komponent essenzjali tal-isforzi komprensivi biex jindirizzaw l-immigrazzjoni illegali u tirrappreżenta raġuni importanti ta' interess pubbliku sostanzjali.

(23) L-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni jeħtieġu jipproċessaw id-*data* personali biex jiffaċilitaw l-operazzjonijiet ta' ritorn. Il-pajjiżi terzi tar-ritorn mhumiex ta' spiss soġġetti għal deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2016/679, jew skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680, u bosta drabi ma kkonkludewx jew mhux beħsiebhom jikkonkludu ftehim ta' riammissjoni mal-Unjoni jew jipprovdu salvagwardji xierqa b'xi mod ieħor skont it-tifsira tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew fit-tifsira tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 37 tad-Direttiva (UE) 2016/680. Minkejja l-isforzi intensivi tal-Unjoni biex tikkoopera mal-pajjiżi ewlenin ta' oriġini ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment soġġetti għal obbligu ta' ritorn, mhuwiex dejjem possibbli li jiġi żgurat li pajjiżi terzi bħal dawn jissodisfaw sistematikament l-obbligu stabbilit mil-liġi internazzjonali biex jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom stess. Il-ftehimiet ta' riammissjoni, li ġew konklużi jew li qed jiġu nnegozjati mill-Unjoni jew mill-Istati Membri u li jipprovdu salvagwardji adegwati għat-trasferiment ta' *data* għal pajjiżi terzi skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680, ikopru għadd limitat ta' pajjiżi terzi bħal dawn. Fis-sitwazzjoni fejn ftehimiet bħal dawn ma jeżistux, id-*data* personali jenħtieġ li tiġi ttrasferita minn uffiċjal għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn tal-Unjoni, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 49(1)(d) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 38 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

(24) Fl-interess tal-persuni kkonċernati, l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jipproċessaw id-*data* personali ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali soġġetti għal risistemazzjoni u ta' persuni li jixtiequ jimmigraw legalment fl-Unjoni sabiex jikkonfermaw l-identità u n-nazzjonalità tagħhom.

(25) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, li huma li jiġi ottimizzat l-użu ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni skjerati mill-Istati Membri, il-

[23] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 008, 12.1.2001, p. 1).

[24] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

Kummissjoni u l-Aġenziji tal-UE lejn pajjiżi terzi sabiex jiġu implimentati b'mod iktar effettiv il-prijoritajiet tal-Unjoni rigward il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, l-iffaċilitar tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni, il-kontribut għall-ġestjoni integrat tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, kif ukoll l-appoġġ tal-ġestjoni ta' immigrazzjoni legali jew skemi ta' protezzjoni internazzjonali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, iżda jinkisbu aħjar permezz ta' koordinazzjoni fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

---

↓ 377/2004 premessa 8 (adattat)

(26) Rigward l-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp ⌦ tad-dispożizzjonijiet ⌫ tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ⌦ ta' dan tal-aħħar ⌫ ~~ta' dawn l-Istati~~ mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[25]~~;~~ li jaqgħu taħt ~~in-naħa~~ ⌦ il-qasam ⌫ li hemm referenza għalih fl-Artikolu 1, il-punti A u E~~,~~ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE~~tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim~~[26].

---

↓ 493/2011 premessa 15

(27) F'dak li jirrigwarda lill-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fl-ambitu tat-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[27] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punti A u E tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[28].

---

↓ 493/2011 premessa 16 (adattat)

(28) F'dak li jirrigwarda lil-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fl-ambitu tat-tifsira tal-Protokoll ~~iffirmat~~ bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punti A u

---

25 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36

26 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/EC tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

27 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

28 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

E tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ~~2008/261/EC~~ 2011/350/EU[29],

---

⬇ 377/2004 premessa 9 (adattat)

(29) Bi qbil mal-Artikoli 1 u 2 ~~tal-~~ ⌦ ta' ⌫ Protokoll ⌦ Nru 22 ⌫ dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ~~li jistabbilixxi~~ ⌦ dwar ⌫ l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, id-Danimarka mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta miegħu jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Jekk nikkunsidraw li dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen ~~taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV ta' Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu ~~5~~ ⌦ 4 ⌫ ta' ~~imsemmi~~ ⌦ dak il- ⌫ Protokoll, tiddeċiedi f'perjodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun ~~adotta~~ ⌦ iddeċieda dwar ⌫ dan ir-Regolament jekk hijiex se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

---

⬇ 377/2004 premessa 10 (adattat)

(30) Ir-Renju Unit qiegħed jieħu sehem f'dan ir-Regolament, bi qbil mal-Artikolu 5(1) ~~tal-~~ ta' Protokoll ⌦ Nru 19 dwar ⌫ ~~li jintegra~~ l-acquis ta' Schengen ⌦ integrat ⌫ fl-istruttura tal-Unjoni Ewropea, annessa mat-Trattat ~~li jistabbilixxi~~ ⌦ dwar ⌫ l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE~~tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq li jieħdu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen~~[30].

---

⬇ 377/2004 premessa 11 (adattat)

(31) L-Irlanda qiegħda tieħu sehem f'dan ir-Regolament, bi qbil mal-Artikolu 5(1) ta' ~~tal-~~ Protokoll ⌦ Nru 19 dwar ⌫ ~~li jintegra~~ l-acquis ta' Schengen ⌦ integrat ⌫ fl-istruttura tal-Unjoni Ewropea, annessa mat-Trattat ~~li jistabbilixxi~~ ⌦ dwar ⌫ l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ~~tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda li tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen~~[31].

---

29 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

30 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

31 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

↓ 377/2004 premessa 12 (adattat)

(32) Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda ta' Fuq f'dan ir-Regolament hi bi qbil mal-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE ~~tad-29 ta' Mejju 2000~~ u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ~~tat-28 ta' Frar 2002~~ li tingħaqad mar-responsabbiltajiet tal-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ ~~li fihom jipparteċipaw ir-Renju Unit u l-Irlanda~~ li tieħu miżuri biex tiżviluppa d-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen kontra l-organizzazzjoni ta' immigrazzjoni illegali ⌦ , li fihom jipparteċipaw ir-Renju Unit u l-Irlanda ⌫.

↓ 377/2004 premessa 13 (adattat)

(33) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen ⌦ , jew inkella li huwa marbut miegħu ⌫ ~~jew hu relatat miegħu~~ skont ⌦ , rispettivament, ⌫ it-tifsira tal-Artikolu 3(2~~1~~) tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-2003, ⌦ l-Artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-2005 u l-Artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-2011, ⌫

↓ 377/2004 (adattat)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**⌦ Kamp ta' applikazzjoni ⌫**

⇩ ġdid

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli biex titjieb il-koordinazzjoni tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni li jintbagħtu f'pajjiżi terzi mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni permezz tal-ħolqien ta' netwerk bejn uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni.

↓ 377/2004 (adattat)
⇨ ġdid

2~~1~~. Dan ir-Regolament huwa mingħajr ħsara għax-xogħlijiet tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni fi ħdan l-istruttura tar-responsabbiltajiet tagħhom taħt il-liġi nazzjonali ⌦ u tal-Unjoni ⌫, politiċi u proċeduri jew taħt ftehim speċjali konkluż mal-pajjiż ospitanti jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

*Artikolu 2~~1~~*

**⌦ Definizzjonijiet ⌫**

⌦ Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: ⌫

1. ~~F'dan ir-Regolament~~ "uffiċjal għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni" tfisser:

~~(a)~~ rappreżentant ta' wieħed mill-Istati Membri, li~~jinstab~~ ⌦ jiġi skjerat ⌫ f'pajjiż terz mis-servizz għall-immigrazzjoni ⇨ , l-infurzar tal-liġi ⇦ jew minn awtoritajiet kompetenti oħrajn biex jistabbilixxi u jżomm kuntatt mal-

awtoritajiet tal-pajjiż ~~li bagħtu~~ ⇨ terz ⇦ biex jikkontribwixxi fil-prevenzjoni u fil-ġlieda tal-immigrazzjoni illegali, ir-ritorn ⌦ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ⌫~~ta' immigranti illegali~~ u l-immaniġġjar tal-⌦ immigrazzjoni ⌫ legali ~~migrazzjoni~~;.

---

⇩ ġdid

(b) L-uffiċjali għall-komunikazzjoni li ġew skjerati f'pajjiż barrani mill-Kummissjoni sabiex jistabbilixxu u jmantnu kuntatti mal-awtoritajiet tal-pajjiż terz dwar kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni;

(c) L-uffiċjali għall-komunikazzjoni li ġew skjerat f'pajjiż barrani mill-Aġenziji tal-Unjoni, kif imsemmija fil-bażi ġuridika rispettiva tagħhom u li jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni;

---

🡻 377/2004

~~(b) 2. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni għandhom jiġu kunsidrati wkoll bħala uffiċjali għall-komunikazzjoni li qegħdin jieħdu ħsieb temi dwar l-immigrazzjoni bħala parti minn dmirijiethom.~~

---

⇩ ġdid

2. "skjerati f'pajjiż barrani" tfisser skjerati, għal perjodu ta' żmien raġonevoli li għandu jiġi determinat mill-awtorità responsabbli, lejn wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet konsulari ta' Stat Membru f'pajjiż terz;

(b) l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz;

(c) organizzazzjoni internazzjonali;

(d) missjoni diplomatika tal-Unjoni.

---

🡻 377/2004

~~3. L-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni jistgħu jitqiegħdu ma' l-awtoritajiet konsulari nazzjonali ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi jew ma' l-awtoritajiet rilevanti ta' Stati Membri oħrajn, imma wkoll ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għal perjodu ta' żmien raġonevoli li jiġI ddeterminat mill-Istat Membru li qiegħed jibgħathom.~~

---

⇩ ġdid

3. "*data* personali" tfisser *data* personali kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679;

4. "ritorn" tfisser ritorn kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115/KE;

↓ 377/2004 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 32*

**⌦ Kompiti ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ⌫**

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li L-l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ⌦ għandhom ⌫ iżommu kuntatti diretti mal-awtoritajiet kompetentifil- ⌦ tal- ⌫ pajjiż ospitanti ⇨ pajjiż terz ⇦ u kull organizzazzjoni xierqa fil-pajjiż ospitanti ⇨ terz ⇦, biex jiġu ffaċilitat u mħaffin il-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni ⇨ jiġi implimentat dan ir-Regolament ⇦ .

2. L-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni għandhom jiġbru l-informazzjoni għall-użu jew fuq livell operazzjonali jew fuq livell strateġiku jew għaż-żewġ livelli. ⇨ Informazzjoni bħal din ma għandhiex tinkludi *data* personali. ⇦ Din l-informazzjoni għandha partikolarment tkun dwar it-temi ⌦ li ġejjin ⌫ bħal:

(a) ⌦ flussi migratorji ⌫ imxijiet ta' immigranti illegali li joriġinaw minn jew ⌦ fi tranżitu ⌫mexjin fil-pajjiż ospitanti;,

(b) ir-rotot użati mil-imxijiet ⌦ minn dawn il-flussi migratorji ⌫ ta' immigranti illegali sabiex jilħqu t-territorji tal-Istati Membri;,

(c) l-eżistenza, ⇨ l-attivitajiet u l-*modi operandi* ⇦ ta' organizzazzjonijiet kriminali involuti fl-ikkuntrabandar ⌦ fil-kuntrabandu ⌫ ⇨ u t-traffikar ta' bnedmin matul ir-rotot migratorji ⇦

– il-modus operandi tagħhom, inkluż it-tip ta' trasport użat, l-involviment ta' intermedjarji, eċċ.,

– l-eżistenza u l-attivitajiet ta' organizazzjonijiet kriminali involuti f'ikkuntrabandar ta' l-immigranti,

(d) l-inċidenti u l-ġrajjiet li jistgħu jkunu jew li saru l-kawża ta' żviluppi ġodda relatati ma' ⌦ flussi migratorji ⌫ ċ- ċirkolazzjoni ta' l-immigranti illegali;,

(e) metodi wżati fit-tagħmil ⌦ użati fl-għamla ⌫ jew iffalsifikar ta' dokumenti tal-identità jew dokumenti tal-ivvjaġġar foloz;,

(f) metodi kif jistgħu jiġu megħjunin l-awtoritajiet tal-pajjiżi ospitanti ⇨ terzi ⇦ biex tiġi pprevenuta ċ-ċirkolazzjoni tal-immigrazzjoni ⌦ jiġu pprevenuti l-flussi migratorji ⌫illegali li joriġinaw minn jew li jkunu in transitu fit-territorji tagħhom;,

(g) Metodi biex ikunu faċilitati ⌦ r-ritorn ⌫ , r-ripatrijazzjoni ⌦ ir-riammissjoni ⌫ ⇨ u r-riintegrazzjoni ⇦ tal-immigranti illegali lejn il-pajjiżi li joriġinaw minnhom;,

⇩ ġdid

(h) l-aċċess għal protezzjoni tal-applikanti għall-asil f'pajjiż terz;

(i) l-istrateġiji u l-kanali ta' immigrazzjoni legali possibbli bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, inkluż ir-risistemazzjoni u strumenti ta' protezzjoni oħrajn, kif ukoll il-ħiliet u l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol;

(j) il-miżuri qabel it-tluq disponibbli għall-immigranti fil-pajjiżi ta' oriġini jew fil-pajjiżi terzi ospitanti li jappoġġaw l-integrazzjoni b'suċċess mal-wasla legali fl-Istati Membri;

---

377/2004 (adattat)
⇨ ġdid

⇨ (k)il-kapaċità, l-istrateġiji politiċi, ⇦ il-leġiżlazzjoni u l-prattiċi legali ⇨ tal-pajjiżi perzi ⇦ rilevanti għat-temi li hemm referenza għalihom ⌦ fil-punti (a) sa (j) ⌫ ~~fuq~~.;

~~– l-informazzjoni trasmessa permezz tas-sistema tat-twissija bikrija.~~

---

⇩ ġdid

3. L-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni għandhom jikkoordinaw bejniethom u mal-partijiet ikkonċernati dwar il-provvediment tal-attivitajiet ta' bini ta' kapaċità tagħhom lill-awtoritajiet u lill-partijiet ikkonċernati f'pajjiżi terzi.

---

🡻 377/2004 (adattat)
⇨ ġdid

~~4~~3. L-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ~~għandom ukoll ikunu ntitolati li~~ ⌦ jistgħu ⌫ joffru assistenza biex:

(a) tiġi stabbilita l-identità ta' ~~nazzjonali ta' pajjiż terz~~ ⌦ ċittadini ta' pajjiżi terzi ⌫ ⇨ li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ⇦ u ~~fl-~~ jiġi ffaċilitat ir-ritorn tagħhom ⌦ f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE ⌫ ~~lejn il-pajjiż tal-oriġini~~;.

---

⇩ ġdid

(b) biex tiġi konfermata l-identità u tiġi ffaċilitata r-risistemazzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni;

(c) biex tiġi kkonfermata l-identità u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Unjoni fir-rigward tal-ammissjoni tal-immigranti legali.

---

377/2004 (adattat)
⇨ ġdid

~~5~~4. ~~L-Istati Membri għandhom jiżguraw li~~ L-~~l-~~uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni tagħhom ⌦ għandhom ⌫ jagħmlu xogħolhom fi ħdan l-istruttura tar-responsabbiltajiet tagħhom u skont id-dispożizzjonijiet, inklużi dawk dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni personali, kif jinsabu fil-liġijiet ⌦ tal-Unjoni u ⌫ ~~tagħhom~~ nazzjonali jew f'xi ftehim jew arranġament konkluż ~~bejn~~ ⌦ ma' ⌫pajjiżi ~~ospitanti~~ ⇨ terzi ⇦ jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

*Artikolu 4~~3~~*

**⌦ Notifika dwar l-iskjerament ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ⌫**

1. L-Istati Membri ⇨ , il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni ⇦ għandhom ~~sistematikament u mingħajr dewmien~~ jinformaw ~~lil xulxin, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni~~ ⇨ lill-Bord ta' Tmexxija ⇦ dwar ~~it-tqegħid minnhom~~ ⇨ il-pjanijiet ta' skjerament tagħhom ⇦ ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, inkluża deskrizzjoni tad-dmirijiet tagħhom ⇨ u t-tul ta' żmien tal-iskjerament tagħhom ⇦ .

~~2. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-oħrajn bl-intenzjonijiet tiegħu rigward it-tqegħid ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni f'pajjiżi terzi, sabiex l-Istati Membri l-oħrajn ikunu jistgħu jesprimu l-interess tagħhom fil-konklużjoni ta' ftehim kooperattiv ma' l-Istat Membru konċernat dwar kull tqegħid, kif msemmi fl-Artikolu 5.~~

---

| ⇩ 493/2011 Art. 1.1(b)<br>⇨ ġdid |
|---|

2~~3~~. L-informazzjoni msemmija fil-paragraf~~i~~u 1 ~~u 2~~ ~~għandhom ikunu~~ għandha tkun disponibbli fuq ⇨ il-pjattaforma ta' skambju ta' informazzjoni prevista fl-Artikolu 9 ⇦ ~~in-Netwerk sigur ibbażat fuq il-web dwar l-Informazzjoni u l-Kordinazzjoni għas-Servizzi ta' Amministrazzjoni tal-Migrazzjoni tal-Istati Membri stabbilit bid-Deċiżjoni 2005/267/KE[32] (ICONet) taħt it-taqsima ddedikata għan-netwerks tal-uffiċjali ta' komunikazzjoni tal-immigrazzjoni~~. ~~Il-Kummissjoni għandha wkoll tipprovdi dik l-informazzjoni lill-Kunsill.~~

---

| ⇩ 377/2004 (adattat) |
|---|

*Artikolu 5~~4~~*

**⌦ Ħolqien ta' netwerks lokali jew reġjonali bejn uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ⌫**

1. ~~L-Istati Membri għandhom jiżguraw li~~ L-~~l~~-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni ~~li qegħdin jaħdmu fl-~~ ⌦ li ntbagħtu lejn l- ⌫ istess pajjiżi terzi jew l-istess reġjoni ⌦ għandhom ⌫ jifformaw għaqdiet komunikattivi ta' koperazzjoni lokali jew reġjonali ~~bejniethom~~. Fi ħdan l-istruttura ta' dawn l-għaqdiet~~,~~ l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni għandhom, partikolarment:

(a) jiltaqgħu regolarment u meta hu meħtieġ;~~,~~

---

| ⇩ 493/2011 Art. 1.2(a) (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(b) jiskambjaw informazzjoni u esperjenza prattika ⇨ , b'mod partikolari waqt laqgħat u permezz tal-pjattaforma ta' skambju ta' informazzjoni bbażata fuq l-internet prevista fl-Artikolu 9 ⇦ ;~~,b'mod partikolari f'laqgħat u permezz tal-ICONet,~~

---

32 ~~ĠU L 83, 1.4.2005, p. 48.~~

(c) ~~skambu ta' informazzjoni, meta jkun xieraq,~~ ⌦ jiskambjaw informazzjoni, fejn hu xieraq, ⌫ dwar l-esperjenza rigward l-aċċess għall-protezzjoni ta' dawk li jfittxu asil;~~,~~

---

🡻 377/2004 (adattat)
⇨ ġdid

(d) jikkoordinaw il-pożizzjonijiet li għandhom jadottaw f'kuntatti ma' trasportaturi kummerċjali, fejn hu xieraq;~~,~~

(e) jattendu korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat bejniethom, fejn hu xieraq;~~,~~

(f) jorganizzaw sessjonijiet informattivi u korsijiet ta' taħriġ għall-membri tal-istaff diplomatiku u konsulari tal-missjonijiet tal-Istati Membri fil-pajjiż ~~ospitanti~~ ⇨ terz ⇦, fejn hu xieraq;~~,~~

(g) jadottaw approċċi komuni rigward metodi ta' ġbir u rappurtar ta' informazzjoni strateġikament rilevanti, inklużi analiżijiet tar-riskju~~, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li bagħtuhom~~;~~,~~

~~– jikkontribwixxu għar-rapporti biannwali dwar l-attivitajiet komuni tagħhom, li huma abbozzati skond l-Artikolu 6(1),~~

(h) jistabbilixxu kuntatti regolari ma' strutturi simili fil-pajjiż ~~li laqagħhom~~ ⇨ terz ⇦ u f'pajjiżi terzi ġirien, kif ikun xieraq.

---

⇩ ġdid

2. Uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni għandhom jikkoordinaw in-netwerks previsti fil-paragrafu 1. F'lokazzjonijiet fejn il-Kummissjoni ma tiskjerax uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, il-koordinazzjoni tan-netwerk għandha titwettaq minn uffiċjal għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, kif miftiehem mil-membri tan-netwerk.

3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jiġi notifikat bil-ħatra tal-koordinaturi tan-netwerk mill-koordinatur.

---

🡻 493/2011 Art. 1.2(b)

~~2. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex) stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004[33] jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat organizzati fl-ambitu tan-netwerks tal-uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni, għalkemm, jekk ikun il-konsiderazzjonijiet operattivi jeħtieġu dan, il-laqgħat jistgħu jsiru fl-assenza ta' dawk ir-rappreżentanti. Korpi u awtoritajiet oħra jistgħu jiġu mistiedna, kif xieraq.~~

---

🡻 493/2011 Art. 1.2(c)

~~3. L-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jieħu l-inizjattiva biex jagħmel laqgħat bħal dawn. Jekk l-Istat Membru li għandu l-Presidenza mhuwiex rappreżentat fil-pajjiż jew fir-reġjun konċernat, huwa l-Istat Membru li qiegħed~~

---

[33] ~~ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.~~

~~jagħmilha bħala aġent President li għandu jieħu l-inizjattiva biex jagħmel il-laqgħa. Tali laqgħat jistgħu wkoll isiru fuq inizjattiva ta' Stati Membri oħra.~~

---

| ⬇ 377/2004 (adattat) |
|---|

*Artikolu* ~~6~~~~5~~

**⌦ Użu konġunt ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ⌫**

1. L-Istati Membri jistgħu bilateralment jew multilateralment jiftiehmu li l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni li ~~huma mqiegħda~~ ⌦ jintbagħtu ⌫ f'pajjiżi terzi jew f'organizzazzjoni internazzjonali minn Stat Membru jieħdu ħsieb l-interessi ta' Stati Membru ieħor jew iktar.

2. L-Istati Membri jistgħu wkoll jifthiemu li l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni tagħhom għandhom jaqsmu ċerti xogħlijiet bejniethom.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

3. Meta żewġ Stati Membri jew aktar jużaw uffiċjal għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni b'mod konġunt, dawk l-Istati Membri jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju skont ir-Regolament (UE) Nru 515/2014.

*Artikolu 7*

**Bord ta' Tmexxija**

1. Ġie stabbilit Bord ta' Tmexxija għal netwerk Ewropew bejn uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni ("il-Bord ta' Tmexxija").

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, rappreżentant mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, rappreżentant mill-Europol u rappreżentant mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-esperjenza rilevanti u tal-għarfien espert tagħhom fil-ġestjoni ta' netwerks bejn uffiċjali ta' kollegament.

3. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen għandhom jipparteċipaw fil-Bord ta' Tmexxija bħala osservaturi.

4. L-esperti, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni li mhumiex membri tal-Bord ta' Tmexxija jistgħu jiġu mistiedna biex jattendu laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservaturi. Jistgħu jiġu organizzati wkoll laqgħat konġunti ma' netwerks jew organizzazzjonijiet oħrajn.

5. Il-Kummissjoni għandha taġixxi bħala l-President tal-Bord ta' Tmexxija. Il-President għandu:

   (a) jiżgura l-kontinwità u jorganizza l-ħidma tal-Bord ta' Tmexxija, inkluż l-appoġġ għat-tħejjija ta' programm ta' ħidma biennali u rapport biennali dwar l-attivitajiet;

(b) jiżgura li l-attivitajiet kollettivi miftiehma mill-Bord ta' Tmexxija, huma konsistenti u koordinati mal-istrumenti u l-istrutturi rilevanti tal-Unjoni u jirriflettu l-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni;

(c) ilaqqa' l-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija.

Biex jinkisbu l-għanijiet tal-Bord ta' Tmexxija, il-President għandu jkun assistit minn Segretarjat.

6. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena.

*Artikolu 8*

**Kompiti tal-Bord ta' Tmexxija**

1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess fuq il-bażi ta' proposta mill-President fi żmien tliet xhur mill-ewwel laqgħa tiegħu. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu l-arranġmenti ta' votazzjoni.

2. Fid-dawl tal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-immigrazzjoni u fl-ambitu tal-kompiti tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni kif definiti f'dan ir-Regolament, il-Bord ta' Tmexxija għandu jwettaq l-attivitajiet li ġejjin:

(a) jistabbilixxi prijoritajiet u attivitajiet billi jadotta programm ta' ħidma biennali u jindika r-riżorsi meħtieġa biex jappoġġaw dik il-ħidma;

(b) jagħmel rieżami tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma biennali, il-ħatra ta' koordinaturi tan-netwerk u l-progress li sar minn netwerk bejn uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni fil-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi;

(c) jadotta r-rapport tal-attività biennali;

(d) jaġġorna l-lista tal-iskjerament tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni qabel kull laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija;

(e) jidentifika d-distakki fl-iskjerament u jirrakkomanda l-iskjerament ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni;

3. Fid-dawl tal-ħtiġijiet operazzjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-immigrazzjoni u fl-ambitu tal-kompiti tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni kif definiti f'dan ir-Regolament, il-Bord ta' Tmexxija għandu jwettaq l-attivitajiet li ġejjin:

(a) jasal għal ftehim dwar id-definizzjoni tal-kompiti ta' netwerks bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni;

(b) jimmonitorja d-disponibbiltà tal-informazzjoni bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni, u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet neċessarji fejn meħtieġ;

(c) jappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċità tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' kurrikuli bażiċi komuni, taħriġ qabel il-missjoni u l-organizazzjoni ta' seminars konġunti dwar is-suġġett kif imsemmi fl-Artikolu 3(2);

(d) jiżgura li l-informazzjoni tiġi skambjata permezz tal-pjattaforma ta' skambju ta' informazzjoni bbażata fuq l-internet prevista fl-Artikolu 9.

4. Għall-eżekuzzjoni tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju mill-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 515/2014.

*Artikolu 9*

**Pjattaforma ta' skambju ta' informazzjoni**

1. L-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni u l-membri tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha u l-istatistika jittellgħu u jiġu skambjati permezz ta' pjattaforma ta' skambju ta' informazzjoni bbażata fuq l-internet imwaqqfa u mantnuta mill-Kummissjoni. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi, mill-inqas, l-elementi li ġejjin:

(a) dokumenti rilevanti, rapporti u prodotti analitiċi fil-qasam tal-immigrazzjoni, b'mod partikolari informazzjoni fattwali dwar il-pajjiżi jew ir-reġjuni li l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni jiġu skjerati fihom;

